

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 13 ta' Novembru 2012 —  
Antrax It vs UASI — THC (Radiateurs de chauffage)**

(Kawża T-83/11 u T-84/11) <sup>(1)</sup>

*(“Disinn Komunitarji — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Disinni Komunitarji rreġistrati li jirrappreżentaw termosifuni għal radjaturi ta' tisħin — Disinni preċedenti — Raġuni għal invalidità — Nuqqas ta' karattru individwali — Nuqqas ta' impressjoni globali differenti — Artikolu 6 u Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 — Saturazzjoni tal-eċċellenza — Obbligu ta' motivazzjoni”)*

(2012/C 399/32)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Antrax It Srl (Resana, l-Italja) (rappreżentant: L. Gazzola, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment G. Mannucci u A. Folliard-Monguiral, sussegwentement A. Folliard-Monguiral u F. Mattina, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: The Heating Company (THC) (Dilsen, il-Belġju) (rappreżentant: J. Haber, avukat)

**Suġġett**

Rikorsi ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tat-Tielet Awla tal-Bord tal-Appell tal-UASI tat-2 ta' Novembru 2010 (Każijiet R 1451/2009-3 u R 1452/2009-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn The Heating Company (THC) u Antrax It Srl.

**Dispożittiv**

- (1) Id-Deċiżjonijiet tat-Tielet Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-2 ta' Novembru 2010 (Każijiet R 1451/2009-3 u R 1452/2009-3) huma annullati sa fejn id-disinni Nru 000593959-0001 u Nru 000593959-0002 ġew iddikjarati invalidi.
- (2) Il-kumpliment tar-rikorsi huwa miċħud.
- (3) L-UASI għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, dawk sostnuti minn Antrax It Srl fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.
- (4) The Heating Company (THC) għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha stess quddiem il-Qorti Ġenerali, dawk sostnuti minn Antrax It fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

<sup>(1)</sup> ĠU C 113, 9.4.2011.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Novembru 2012 —  
Giordano vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-114/11) <sup>(1)</sup>

*(“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Sajd — Konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd — Rikostituzzjoni tal-ħażniet tat-tonn aħmar — Miżuri ta' urġenza li jipprekludu s-sajd b'bastimenti bil-purse seines — Aġir illeċitu — Rabta kawżali”)*

(2012/C 399/33)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Jean-François Giordano (Sète, Franza) (rappreżentanti: D. Rigeade u J. Jeanjean, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouquet u D. Nardi, aġenti)

**Suġġett**

Rikors għad-danni intiż li jinkiseb kumpens għad-dannu allegatament subit wara l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 530/2008, tat-12 ta' Ġunju 2008, li jstabbilixxi miżuri ta' emerġenza fir-rigward ta' bastimenti bil-purse seines li jistadu għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W, u fil-Baħar Mediterran (ĠU L 155, p. 9).

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Jean-François Giordano huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 139, 7.5.2011

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Novembru 2012 —  
Il-Kummissjoni vs Strack**

(Kawża T-268/11 P) <sup>(1)</sup>

*(“Appell — Servizz pubbliku — Uffiċċjali — Leave — Leave tal-mard — Annullament fl-ewwel istanza tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta t-trasferiment tad-dritt tal-ġranet ta' leave annwali mhux meħuda mill-persuna kkonċernata — Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal — Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal — Direttiva 2003/88 KE — Appell fondat — Kawża fi stat li tiġi deċiża — Ċaħda tar-rikors”)*

(2012/C 399/34)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Eggers u J. Currall, aġenti)

Parti oħra fil-proċedura: Guido Strack (Köln, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)

### Suġġett

Appell ippreżentat kontra s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tal-15 ta' Marzu 2011, Strack vs Il-Kummissjoni (F-120/07, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u intiż għall-annullament parzjali ta' din is-sentenza.

### Dispożittiv

- (1) Is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea tal-15 ta' Marzu 2011, Strack vs Il-Kummissjoni (F-120/07), hija annullata.
- (2) Ir-rikors ippreżentat minn Guido Strack quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-120/07 huwa miċħud.
- (3) G. Strack u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kemm fl-istanza quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kif ukoll f'din l-istanza.

(<sup>1</sup>) ĠU C 232, 6.8.2011.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Novembru 2012 — Hartmann vs UASI (Nutriskin Protection Complex)

(Kawża T-415/11) (<sup>1</sup>)

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Nutriskin Protection Complex — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 — Prattika deċiżjonali tal-UASI — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009”

(2012/C 399/35)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Paul Hartmann AG (Heidenheim an der Brenz, il-Ġermanja) (rappreżentant: N. Aicher, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: K. Klüpfel u A. Poch, aġenti)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-26 ta' Mejju 2011 (Każ R 1524/2010-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali Nutriskin Protection Complex bħala trade mark Komunitarja.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Paul Hartmann AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 298, 8.10.2011.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Novembru 2012 — Evonik Industries vs UASI — Impulso Industrial Alternativo (Impulso creador)

(Kawża T-529/11) (<sup>1</sup>)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Impulso creador — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti IMPULSO — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”

(2012/C 399/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Evonik Industries AG (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Albrecht, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (trade marks u disinni) (rappreżentant: P. Bullock, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Impulso Industrial Alternativo, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: F. Brandolini Kujman u J. Devaureix, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-20 ta' Ġunju 2011 (Każ R 1101/2010-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Impulso Industrial Alternativo, SA u Evonik Industries AG.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Evonik Industries AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 362, 10.12.2011.